# IL-HNIENA T'ALLA

### IL-KRUHA TAD-DNUB

*"F'belt kien hemm zewgt irgiel. Wiehed kien sinjur u l-iehor fqir. Is-Sinjur kellu merhliet kbar imma l-fqir ma kellu xejn hlief harufa li hu kien xtara u jzoqq. U kibret mieghu u kienet qisha wahda minn uliedu. Kien jatiha tiekol laham mill-istess platt tieghu u tixrob mill-istess tazza tieghu. U kien izommha fuq hogru qisha kienet it-tifla tieghu. U vjaggatur ghamel zjara lis-sinjur u ma riedx joqtol mill-merhliet tieghu biex jaghti jiekol li dak li gie jzuru, imma ha il-harufa tal-fqir u ta' bhala ikel lil dak li gie jarah."*
*(Samwel 12 : 1b –4)*

Ma nafx kif tahsibha inti izda din il-grajja taghmilli demmi ilma. Jidher car li David kellu l-istess reazzjoni meta il-profeta Natan irrakontalhielu. Ghalkemm David kienu ghadu kemm ikkommetta adulterju ma' Betsebea u imbaghad ftiehem li r-ragel taghha kellu jigi maqtul




fil-battalja ma indunax li l-kiefer tal- grajja, il-protagonista ta' l-istorja kien hu. Natan qallu li l-bniedem ta' qalb iebsa fl-istorja kien sinjur. Fakkar lil David li Alla kien tah daqshekk gid, imma hu seraq dak li ma kienx tieghu u mhux biss, imma qatlu.

Hekk kif David induna bl-izball tieghu talab lil Alla mahfra. U ghalkemm Alla hafer lil David meta rah sobghien, ir-re flimkien ma' ohrajn kellu jghaddi mill-konsegwenzi tad-dnub ghal hajtu kollha.

Il-kruha tad-dnub huwa li jifridna minn Alla, l-ghajn ta' kull gid, li minghajru kull bniedem jghix fid-dlamijiet tal-mewt u jkun taht is-setghat tal-hazen.

Ikompli l-effett tad-dnub meta ahna ikollna nghaddu mill-konsegwenzi tal-hazen, konsegwenzi li mhux biss jolqtu lil bniedem li dineb izda lil ohrajn ukoll.

L-ahbar it-tajba izda, hija li Alla hu hanin. Ghax ihobbna hu jaghzel li jahfrilna u jkun hanin maghna. L-imhabba u l-hniena jimxu flimkien. Ma nistghux inwaqqfu l-konsegwenzi tad-dnub. Xi uhud minnhom iridu jiehdu l-kors taghhom. Pero' minghajr ebda dubju il-konsegwenzi kienu jkunu bil-wisq aghar li kieku David ma weriex sobgha.

Li nbatu l-konsegwenzi tad-dnub ghadu l-lat pozitv tieghu. Jista' jaghti l-kaz li kieku ma

nghaddux mill-konsegwenzi tad-dnub forsi kienet tkun ghalina haga hafifa biex nergghu nidimbu. Forsi wkoll haddiehor li jara il-konsegwenzi tad-dnub jahrab l-okkazzjoni tad-dnub.

Ix-xitan jhajjarna biex ahna nabbuzaw mill-hniena t'Alla u jqieghdilna quddiem ghajnejna biex naghmlu d-dnub imbaghad Alla jahfrilna. Dan qatt ma hu l-kaz. Min jista jaccertak li inti ser tghix minuta wahda biss? Il-mewta tigi ghal gharrieda u ma ghandek l-ebda certezza li tindem minn dnubietek.

L-indiema biss hija l-garanzija li r-relazzjoni taghna ma' Alla terga' tigi ghan-normal.  Meta bniedem ikun niedem qatt ma ghandu jgib skuzi ghall-htijiet li wettaq. Ghandu jumilja ruhu quddiem Alla u jitolbu mahrfa. Ma hemm xejn aktar importanti minn relazzjoni tajba u soda ma' Kristu. Permezz tieghu ahna naslu ghand il-Missier.  U bil- grazzja tieghu biss naghmlu dak li hu tajjeb. Ghax Alla hu hanin hu ma jridx li ahna nintilfu, imma li niehdu sehem komplet mill-hajja tieghu sopranaturali.